# I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (KE) Nru 1445/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-11 ta' Diċembru 2007**

**li jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa ta' l-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Sabiex jinkiseb paragun dirett bejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD) f'termini ta' volum bejn l-Istati Membri, huwa essenzjali li l-Komunità għandha ħtieġa essenzjali li jkollha Paritajiet tas-Setgħa ta' l-Infiq (hawn aktar 'il quddiem "PPPs") li jeliminaw d-differenzi fil-livell tal-prezzijiet bejn l-Istati Membri.

(2) Il-PPPs tal-Komunità jeħtieġu li jiġu prodotti skond metodoloġija armonizzata, konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([3]), li jistabbilixxi qafas għall-kostruzzjoni tal-kontijiet nazzjonali fl-Istati Membri.

(3) L-Istati Membri huma mħeġġa sabiex jipproduċu data għall-PPPs reġjonali.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([4]) jipprovdi li r-reġjuni eliġibbli għall-finanzjament mill-Fondi Strutturali taħt l-objettiv ta' konverġenza għandhom ikunu reġjuni li jikkorrispondu għat-tieni livell tal-klassifika komuni ta' l-unitajiet territorjali għall-istatistika fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifika komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) ([5]). Il-PGD per kapita ta' tali reġjuni mkejjel f' termini ta' PPPs u kkalkulat fuq il-bażi tal-figuri Komunitarji għall-perjodu 2000 sa 2002 huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PGD ta' l-UE 25 għall-istess perjodu ta' referenza. Fin-nuqqas ta' PPPs reġjonali, il-PPPs nazzjonali għandhom iservu biex tiġi stabbilita l-lista tar-reġjuni li jistgħu jibbenefikaw mill-Fondi Strutturali. PPPs nazzjonali jistgħu jintużaw wkoll sabiex jiġi determinat l-ammont ta' fondi li għandhom jitqassmu lil kull reġjun.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi li l-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għandhom ikunu dawk li d-dħul gross nazzjonali (GNI) tagħhom per capita, imkejjel f' termini ta'PPPs u kkalkulat fuq il-bażi ta' figuri Komunitarji għall-perjodu 2001 sa 2003, ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-GNI ta' l-UE 25 u li għandhom programm sabiex jilħqu l-kundizzjonijiet tal-konverġenza ekonomika msemmija fl-Artikolu 104 tat-Trattat.

([1]) ĠU C 318, 23.12.2006, p. 45.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' April 2007 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007.

([3]) ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1267/2003 (ĠU L 180, 18.7.2003, p. 1).

([4]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1989/2006 (ĠU L 411, 30.12.2006, p. 6).

([5]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 105/2007 (ĠU L 39, 10.2.2007, p. 1).

(6) L-Artikolu 1 ta' l-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, stabbilit fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), (hawn aktar 'il quddiem "Regolamenti tal-Persunal") jiddikjara li, għall-finijiet tar-reviżjoni meħtieġa skond l-Artikolu 65(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha thejji kull sena qabel it-tmiem ta' Ottubru rapport dwar il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fi Brussell, il-paritajiet ekonomiċi bejn Brussell u ċerti postijiet fl-Istati Membri, u l-bidliet fis-setgħa ta' l-infiq tas-salarju ta' min jaħdem fis-servizzi ċivili nazzjonali tal-gvern ċentrali.

(7) Kull sena, il-Kummissjoni (Eurostat) diġà qed tiġbor informazzjoni bażika dwar il-PPPs mingħand l-Istati Membri fuq bażi volontarja. Din l-operazzjoni saret prattika stabbilita fl-Istati Membri. Madankollu, huwa neċessarju qafas legali li jiżgura l-iżvilupp sostenibbli, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-PPPs.

(8) Il-forniment ta' riżultati preliminari fuq bażi regolari, kif hija l-prassi bħalissa, għandu jinżamm sabiex l-aktar figuri reċenti jkunu dejjem disponibbli.

(9) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]).

(10) B'mod partikulari l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta d-definizzjonijiet, biex tirranġa l-intestaturi bażiċi fl-Anness II u biex tiddefinixxi kriterji ta' kwalità. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissuplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(11) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' regoli komuni għall-forniment ta' informazzjoni bażika dwar il-PPPs u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif ġie stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(12) Il-Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([3]), ġie ikkonsultat skond l-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġu stabbiliti regoli komuni biex tiġi pprovduta l-informazzjoni bażika dwar il-PPPs, u għall-kalkolu u għad-distribuzzjoni tagħhom.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. L-informazzjoni bażika li għandha tkun ipprovduta għandha tkun dik id-data meħtieġa biex jiġu kalkulati l-PPPs u tiġi żgurata l-kwalità tagħhom.

Dik l-informazzjoni bażika għandha tinkludi l-prezzijiet, il-piżijiet ta' l-infiq tal-PGD, u data oħra elenkata fl-Anness I.

Id-data għandha tingħabar bil-frekwenza minima prevista fl-Anness I. Ġbir aktar frekwenti tad-data għandu jsir biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u ġustifikati.

2. Il-PPPs għandhom jiġu kalkulati mill-medja nazzjonali annwali tal-prezzijiet ta' l-oġġetti u tas-servizzi, billi tintuża l-informazzjoni bażika li għandha x'taqsam mat-territorju ekonomiku ta' l-Istati Membri kif stabbilit taħt is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunita' (hawn aktar 'il quddiem "ESA 95").

3. Il-PPPs għandhom jiġu kalkulati skond l-intestaturi bażiċi kif elenkati fl-Anness II, b'mod konsistenti mal-klassifikazzjonijiet tal-PGD relatati definiti fir-Regolament (KE) Nru 2223/96.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Parità/Paritajiet tas-Setgħa ta' l-Infiq" ("PPP"/"PPPs") tfisser mezzi spazjali ta' deflazzjoni u konvertituri ta' valuta, li jneħħu l-effetti tad-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet bejn l-Istati Membri, u b'hekk jippermettu paraguni ta'volum bejn il-komponenti tal-PGD u paraguni fil-livelli tal-prezzijiet.

(b) "*Standard* tas-Setgħa ta' l-Infiq" ("PPS") tfisser l-unità artifiċjali tal-valuta komuni ta' referenza użata fl-Unjoni Ewropea biex turi l-volum ta' l-ammonti ekonomiċi meħudin f'daqqa għall-fini ta' paraguni spazjali b'mod li jitneħħew id-differenzi fil-livell tal-prezzijiet bejn l-Istati Membri.

(ċ) "Prezzijiet" tfisser il-prezzijiet tax-xiri mħallsa mill-konsumaturi aħħarija.

---

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1895/2006 (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 6).

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

([3]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

(d) “Piżijiet ta’ l-infiq” tfisser l-ishma tal-komponenti tan-nefqa bil-prezz kurrenti tal-PDG.

(e) “Intestatura bażika” tfisser l-aktar livell baxx ta’ l-aggregazzjoni ta’ l-oġġetti fl-analiżi statistika tal-PDG li għalihom huma kalkulati l-paritajiet.

(f) “Oġġetti” tfisser prodotti jew servizzi definiti b’mod preċiż sabiex jintużaw fl-osservazzjoni tal-prezzijiet.

(g) “Kirjiet attwali u attribwiti” għandha jkollha t-tifsira mogħtija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1722/2005 ([1]).

(h) “Kumpens ta’ l-impjegati” għandha jkollha t-tifsira mogħtija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96.

(i) “Fatturi ta’ aġġustament temporali” tfisser fatturi użati biex jiġu aġġustati l-prezzijiet medji li nkisbu fiż-żmien meta sar is-*survey* għall-prezzijiet medji annwali.

(j) “Fatturi ta’ aġġustament spazjali” tfisser il-fatturi użati biex jiġu aġġustati l-prezzijiet medji li nkisbu minn lokalità, jew aktar minn lokalità waħda, fit-territorju ekonomiku ta’ Stat Membru għall-prezzijiet medji nazzjonali.

(k) “Oġġetti rappreżentattivi” tfisser dawk li huma, jew jitqiesu li huma, f’termini ta’ nefqa totali relattiva fi ħdan intestatura bażika, fost l-aktar oġġetti importanti mixtrija fis-swieq nazzjonali.

(l) “Indikaturi ta’ rappreżentattività” tfisser għodod li jimmarkaw jew indikaturi oħrajn li jidentifikaw dawk l-oġġetti li l-Istati Membri għażlu bħala rappreżentattivi.

(m) “Equi-rappreżentattività” tfisser kwalità meħtieġa mill-kompożizzjoni tal-lista ta’ l-oġġetti għal intestatura bażika, b’kull Stat Membru jkun jista’ jipprezza dak in-numru ta’ oġġetti rappreżentattivi li huwa proporzjonat ma’ l-eteroġeneità tal-prodotti u mal-livelli tal-prezzijiet koperti mill-intestatura bażika u n-nefqa tiegħu fuq l-intestatura bażika.

(n) “Transittiv” tfisser il-propjetà fejn paragun dirett bejn kwalunkwe żewġ Stati Membri jagħti l-istess riżultat bħal paragun indirett via kwalunkwe Stat Membru ieħor.

(o) “Żball” ifisser użu mhux korrett ta’ l-informazzjoni bażika jew applikazzjoni mhux xierqa tal-proċedura tal-kalkolu.

(p) “Sena ta’ referenza” tfisser sena kalendarja li għaliha jirreferu r-riżultati annwali speċifiċi.

(q) “Stat fiss” ifisser li, meta r-riżultati jiġu kalkulati fil-bidu għal grupp ta’ Stati Membri u sussegwentement ir-riżultati jiġu kalkulati għal grupp usa’ ta’ Stati Membri, il-PPPs bejn il-grupp ta’ Stati Membri oriġinali għandhom madanakollu jinżammu.

*Artikolu 4*

**Rwoli u responsabbiltajiet**

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun responsabbli biex:

(a) tikkoordina li tkun pprovduta l-informazzjoni bażika;

(b) tikkalkula u tippubblika l-PPPs;

(ċ) tiżgura l-kwalità tal-PPPs, skond l-Artikolu 7;

(d) tiżviluppa u tikkomunika metodoloġija, f’konsultazzjoni ma’ l-Istati Membri;

(e) tiżgura li l-Istati Membri għandhom l-opportunità li jikkummentaw dwar ir-riżultati tal-PPP qabel il-pubblikazzjoni u li jiġi meħud kont xieraq ta’ kwalukwe kumment bħal dan;

(f) tabbozza u tiddissemina l-manwal tal-metodoloġija msemmi fil- punt 1.1 ta’ l-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom isegwu l-proċedura stabbilita fl-Anness I meta jkunu qed jipprovdu l-informazzjoni bażika.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu approvazzjoni bil-miktub tar-riżultati tas-*survey* li għalihom huma responsabbli, hekk kif jit-lesta l-proċess ta’ tisħiħ tad-data, kif speċifikat fil-punt 5.2 ta’ l-Anness I, f’perjodu ta’ mhux aktar minn xahar.

L-Istati Membri għandhom japprovaw il-metodoloġija tal-ġbir tad-data u jikkontrollaw kemm hija plawsibbli d-data, inklużi l-oġġetti ta’ l-informazzjoni bażika pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat).

*Artikolu 5*

**It-trasmissjoni ta’ l-informazzjoni bażika**

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-informazzjoni bażika elenkata fl-Anness I lill-Kummissjoni (Eurostat) skond id-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti dwar it-trasmissjoni tad-data.

2. L-informazzjoni bażika elenkata fl-Anness I għandha tkun trasmessa fil-format tekniku u fil-perjodi ta’ żmien speċifikati f’dak l-Anness.

3. F’każi fejn l-oġġetti ta’ informazzjoni bażika huma pprovduti lill-Istati Membri mill-Kummissjoni (Eurostat), il-Kummissjoni għandha tittrasmetti dikjarazzjoni tal-metodu sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu kontroll ta’ plawsibilità.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1722/2005 ta’ l-20 ta’ Ottubru 2005 dwar il-prinċipji biex ikunu stmati servizzi ta’l-abitazzjoni għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsil (KE, EURATOM) Nru 1287/2003 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (ĠU L 276, 21.10.2005, p. 5).

*Artikolu 6*

**Unitajiet statistiċi**

1. L-informazzjoni bażika elenkata fl-Anness I għandha tinkiseb jew mill-unitajiet ta' l-statistika kif iddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 ([1]) jew minn sorsi oħrajn li jipproduċu data li tilħaq il-kundizzjonijiet meħtieġa ta' kwalità speċifikati fil-punt 5.1 ta' l-Anness I. Kull Stat Membru għandu jinnotifika t-tip ta' unit jew sors ta' statistika lill-Kummissjoni meta tintbagħat id-data.

2. L-unitajiet ta' l-statistika li ssir referenza għalihom mqabbda mill-Istati Membri biex jipprovdu data jew biex jikkooperaw fil-ġbir tad-data għandhom jippermettu l-monitoraġġ tal-prezzijiet tabilħaqq mitluba u għandhom jagħtu informazzjoni onesta u sħiħa fil-waqt li din tintalab.

*Artikolu 7*

**Kriterji tal-kwalità u l-kontroll**

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri għandhom iwaqqfu sistema għall-kontroll tal-kwalità bbażata fuq rapporti u verifiki kif speċifikat taħt il-punt 5.3 ta' l-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), fuq talba tagħha, bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tevalwa l-kwalità ta' l-informazzjoni bażika elenkata fl-Anness I.

L-Istati Membri għandhom ukoll jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bid-dettalji u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla susseġwenti fil-metodi użati jew kwalunkwe devjazzjoni mill-manwal metodoloġiku speċifikat fl-Anness I.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapporti tal-kwalità dwar is-*surveys* li għalihom huma responsabbli, kif speċifikat fit-Taqsima 5 ta' l-Anness I.

4. Il-kriterji komuni li fuqhom huma bbażati l-kontroll ta' kwalità u l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità, kif speċifikat fil-punt 5.3 ta' l-Anness I, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 11(3).

*Artikolu 8*

**Perjodiċita**

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkalkula l-PPPs b' referenza għal kull sena kalendarja.

*Artikolu 9*

**Disseminazzjoni**

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tippubblika r-riżultati annwali finali mhux aktar tard minn 36 xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza.

Il-pubblikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data disponibbli għall-Kummissjoni (Eurostat) mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data tal-pubblikazzjoni.

Xejn f' dan il-paragrafu m'għandu jaffettwa d-dritt tal-Kummissjoni (Eurostat) biex tippubblika r-riżultati preliminari qabel 36 xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza u l-Kummissjoni (Eurostat) għandha tagħmel dawn disponibbli għall-pubbliku inkluż fuq il-website tagħha.

2. Ir-riżultati ppubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat) f'livell ta' ammont globali għal kull Stat Membru għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) il-PPPs fil-livell tal-PGD,

(b) il-PPPs għan-nefqa privata tal-konsum ta' familja u l-konsum individwali reali,

(ċ) l-indiċijiet tal-livelli tal-prezzijiet relattivi għall-medja Komunitarja, u

(d) il-PGD, in-nefqa privata tal-konsum tal-familja u l-konsum individwali reali u l-figuri rispettivi per capita f'PPS.

3. Jekk ir-riżultati jiġu kalkulati għal grupp usa' ta' pajjiżi, il-PPPs ta' l-Istati Membri għandhom, madanakollu, jinżammu skond il-prinċipju ta' l-istat fiss.

4. Il-PPPs finali ppubblikati ġeneralment m'għandhomx jiġu riveduti.

Madanakollu, f'każ ta' żbalji li jaqgħu fl-ambitu tat-Taqsima 10 ta' l-Anness I, ir-riżultati kkoreġuti għandhom ikunu ppubblikati skond il-proċedura stabbilita f'dik it-taqsima.

Għandhom jitwettqu reviżjonijiet ġenerali eċċezzjonali jekk, minħabba tibdiliet fil-kunċetti bażiċi ta' l-ESA 95 li jaffettwaw ir-riżultati tal-PPP, l-indiċi tal-volum tal-PGD għal kwalunkwe Stat Membru jinbidel b'aktar minn punt perċentwali.

*Artikolu 10*

**Ko-effiċjenti tal-korrezzjoni**

L-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa li jagħmlu s-*surveys* biss għall-fini li jistabbilixxu l-ko-effiċjenti ta' korrezzjoni li għandhom ikunu applikati għar-remunerazzjoni u għall-pensjonijiet ta' l-uffiċjali tal-Komunità u l-impjegati l-oħrajn skond ir-Regolamenti tal-Persunal.

*Artikolu 11*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Programmi Statistiċi.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b' kont meħud għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Iż-żmien indikat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet ta' l-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunita' (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 12*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri li jqisu t-tibdiliet ekonomiċi u tekniċi, għandhom ikunu adottati, sakemm dan ma jinvolvix żjieda sproporzjonata fl-ispejjeż ta' l-Istati Membri, kif stabbilitfil-paragrafi 2 u 3.

2. Il-miżuri li ġejjin, li huma neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 11(2):

(a) it-tfassil ta' sett ta' *standards* minimi sabiex tinkiseb il-komparabilità essenzjali u r-rappreżentattività tad-data kif speċifikat fil-punti 5.1 u 5.2 ta' l-Anness I;

(b) it-tfassil tar-rekwiżiti preċiżi dwar il-metodoloġija li għandha tiġi użata kif speċifikat fl-Anness I; u

(ċ) l-istabbiliment u l-irranġar ta' deskrizzjonijiet dettaljati tal-kontenut ta' intestaturi bażiċi, sakemm dawn jibqgħu kompatibbli ma' l-ESA95 jew ma' kwalunkwe sistema suċċessiva.

3. Il-miżuri li ġejjin magħmula biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, anke billi jissupplimentawhom, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3):

(a) l-adattament tad-definizzjonijiet;

(b) l-irranġar tal-lista ta' intestaturi bażiċi (kif speċifikat fl-Anness II); u

(c) it-tfassil ta' kriterji ta' kwalità u l-istruttura ta' rapporti ta' kwalità, skond l-Artikolu 7(4).

*Artikolu 13*

**Finanzjament**

1. L-Istati Membri għandhom jirċievu mill-Kummissjoni kontribut finanzjarju ta' massimu ta' 70 % ta' l-ispejjeż eliġibbli skond ir-regoli rigward l-għotjiet tal-Kummissjoni.

2. L-ammont ta' kontribut finanzjarju bħal dan għandu jiġi ffissat bħala parti mill-proċeduri baġitarji annwali ta' l-Unjoni Ewropea. L-awtorità tal-baġit għandha tiddetermina l-approprjazzjonijiet disponibbli ta' kull sena.

*Artikolu 14*

**Reviżjoni u Rapport**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu riveduti ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu ta' dan ir-Regolament. Għandu jkun rivedut, jekk ikun xieraq, fuq il-bażi ta' rapport u proposta tal-Kummissjoni, imressqa quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 11 ta' Diċembru 2007.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | M. LOBO ANTUNES |

*ANNESS I*

# METODOLOĠIJA

## 1. MANWAL TAL-METODOLOĠIJA U PROGRAMM TA' ĦIDMA

1.1. Għandu jkun ipprovdut Manwal tal-metodoloġija mill-Kummissjoni (Eurostat), wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, li jiddeskrivi l-metodi użati fl-istadji differenti ta' meta jkunu qed jiġu kkompilati l-PPPs, inklużi l-metodi sabiex tkun ivvalutata l-informazzjoni bażika nieqsa u sabiex ikunu vvalutati l-paritajiet neqsin. Il-manwal tal-metodoloġija ikun irrivedut kull meta ssir tibdila sinifikattiva. Jista' jintroduċi metodi ġodda sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data, jitnaqqsu l-ispejjeż u jeħfief il-piż tal-fornituri tad-data.

1.2. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, Programm ta' Ħidma annwali għas-sena kalendarja ta' wara bl-iffissar ta' skeda sabiex tkun speċifikata u pprovduta l-informazzjoni bażika meħtieġa għal dik is-sena.

1.3. Il-Programm ta' Ħidma annwali għandu jiddetermina l-format sabiex tkun ipprovduta d-data li se tkun użata mill-Istati Membri, u kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa sabiex isir il-kalkolu u l-pubblikazzjoni tal-PPPs.

1.4. L-informazzjoni bażika pprovduta skond il-paragrafu 1.2 tista' tkun riveduta, imma r-riżultati għas-sena ta' referenza għandhom jiġu kalkulati mill-informazzjoni disponibbli skond l-iskeda speċifikata fl-Artikolu 9. Fejn l-informazzjoni ma tkunx kompleta jew ma tkunx disponibbli f'dik id-data, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tagħmel stima ta' l-informazzjoni bażika nieqsa.

1.5. Fil-każ li Stat Membru ma jirnexxilux jippreżenta informazzjoni bażika kompluta, huwa għandu jispeċifika għaliex l-informazzjoni mhix kompluta, meta huwa jkun se jippreżenta informazzjoni kompluta jew, jekk ikun xieraq, għaliex ma jistax jipprovdi l-informazzjoni kompluta.

## 2. L-INFORMAZZJONI BAŻIKA

### 2.1. Punti ta' informazzjoni bażika

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Informazzjoni Bażika skond l-Artikoli 2 u 4 u l-inqas frekwenza ta' meta tiġi pprovduta data ġdida għandha tkun:

| Informazzjoni Bażika | L-Inqas Frekwenza |
|---|---|
| Il-piżijiet ta' l-infiq tal-PGD [1] | Annwali |
| Il-kiri reali u attribwit [2] | Annwali |
| Il-kumpens ta' l-impjegati | Annwali |
| Il-fatturi ta' aġġustament temporali | Annwali |
| Il-prezzijiet ta' l-oġġetti u s-servizzi tal-konsumatur u l-indikaturi tar-rappreżentattività relatati | 3 snin [3] |
| Il-prezzijiet ta' l-oġġetti tat-tagħmir | 3 snin |
| Il-prezzijiet tal-proġetti ta' kostruzzjoni | 3 snin |
| Il-fatturi ta' aġġustament spazjali | 6 snin |

(1) Dawn il-piżijiet għandhom ikunu konsistenti ma' l-inqas livell ta' aggregati disponibbli minn kontijiet nazzjonali. Jekk id-dettall rikjest m'huwiex disponibbli, l-Istat Membru jista' jagħti l-aħjar stimi għall-pożizzjonijiet li jonqsu.

(2) L-approċċ tal-kwantità ta' stokk ta'abitazzjonijiet, kif deskritt fil-manwal metodoloġiku, jista' jintuża minflok l-approċċ tal-prezz f'każijiet fejn kirjiet attwali huma neqsin jew ma tistax toqgħod fuqhom fis-sens ta' statistika skond ir-Regolament (KE) Nru 1722/2005.

(3) L-inqas frekwenza tirreferi għal meta tkun ipprovduta l-informazzjoni għal grupp ta' prodotti partikolari, relatata maċ-ċiklu rikorrenti tas-*surveys*.

2.2. **Il-proċedura biex tinkiseb l-informazzjoni bażika**

Il-Kummissjoni (Eurostat), wara li tqis il-fehmiet ta' l-Istati Membri, tiddetermina s-sorsi u l-fornituri tad-data li ser tintuża għal kull wieħed mill-oġġetti fil-lista ta' l-Informazzjoni Bażika msemmija aktar 'il fuq. Jekk il-Kummissjoni (Eurostat) tikseb l-informazzjoni bażika mingħand fornitur tad-data li mhux Stat Membru, dan ta' l-aħħar jiġi meħlus mill-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 5.1.4 sa 5.1.13.

3. IL-PREZZIJIET MEDJI NAZZJONALI

3.1. Minkejja d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2(2), il-ġbir tad-data jista' ikun limitat għal lokalità waħda jew aktar minn waħda fi ħdan territorju ekonomiku. Data bħal din tista' tintuża għall-kalkoli tal-PPP sakemm ikollha magħha l-fatturi xierqa ta' aġġustament. Dawn il-fatturi ta' aġġustament spazjali għandhom jintużaw sabiex tiġi aġġustata data tas-*surveys* fil-lokalitajiet rilevanti għal dik rappreżentattiva tal-medja nazzjonali.

3.2. Il-fatturi ta' aġġustament spazjali għandhom jiġu pprovduti fuq livell ta' intestatura bażika. M'għandux ikollhom aktar minn sitt snin fil-perjodu ta' referenza tas-*survey*.

4. IL-PREZZIJIET MEDJI ANNWALI

Minkejja d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2(2), il-ġbir tad-data jista' jkun limitat għal perjodu ta' żmien speċifiku. Data bħal din tista' tintuża għall-kalkoli tal-PPP sakemm ikollha magħha l-fatturi ta' aġġustament temporali xierqa. Dawn il-fatturi ta' aġġustament temporali għandhom jintużaw biex tiġi aġġustata d-data tas-*surveys* f'dan il-perjodu għal dik rappreżentattiva tal-medja annwali.

5. KWALITÀ

5.1. **L-inqas *standards* għall-informazzjoni bażika**

5.1.1. Il-lista ta' l-oġġetti li għandhom jiġu pprezzati tkun imfassla sabiex tinkludi l-oġġetti li l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom jiżguraw komparabilità bejn il-pajjiżi.

5.1.2. Il-lista ta' l-oġġetti li għandhom jiġu pprezzati għandha tkun imfassla b'mod li kull Stat Membru jista' jindika mill-inqas oġġett wieħed rappreżentattiv, li jista' jiġi pprezzat f'mill-inqas pajjiż wieħed ieħor għal kull intestatura bażika.

5.1.3. Il-lista ta' l-oġġetti għandha tkun imfassla sabiex jinkiseb l-ogħla livell prattikabbli ta' rappreżentattività indaqs, ħalli mill-inqas, kull pajjiż ikollu jipprezza oġġett rappreżentattiv wieħed għal kull intestatura bażika u dan l-oġġett rappreżentattiv għandu jkun ipprezzat minn, għall-inqas, pajjiż ieħor.

5.1.4. Kull Stat Membru għandu jipprezza l-oġġetti skond l-ispeċifikazzjonijiet fil-lista ta' l-oġġetti.

5.1.5. Kull Stat Membru għandu jipprezza numru biżżejjed ta' oġġetti f'kull intestatura bażika li huma disponibbli fis-suq tiegħu, anki jekk jistgħu ma jkunux ikkunsidrati bħala rappreżentattivi ta' dik l-intestatura bażika.

5.1.6. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-prezzijiet ta' mill-inqas oġġett wieħed rappreżentattiv f'kull intestatura bażika. L-oġġetti rappreżentattivi għandhom ikunu indikati b'indikatur tar-rappreżentattività.

5.1.7. Kull Stat Membru għandu jiġbor numru biżżejjed ta' kwotazzjonijiet tal-prezzijiet għal kull oġġett ipprezzat biex ikun żgurat prezz medju ta' min joqgħod fuqu għal kull oġġett meta titqies l-istruttura tas-suq tiegħu.

5.1.8. L-għażla tat-tipi ta' ħwienet għandha tkun imfassla sabiex tirrifletti b'mod adegwat il-mudell tal-konsum domestiku fi ħdan l-Istati Membru skond l-oġġett.

5.1.9. L-għażla tal-ħanut f'lokalità għandha tkun imfassla sabiex tirrifletti b'mod adegwat il-mudell tal-konsum tar-residenti tal-lokalità u kemm ikunu disponibbli l-oġġetti.

5.1.10. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni (Eurostat) b'data dwar il-kumpens ta' l-impjegati għal xogħlijiet partikolari b'referenza għas-settur tal-Gvern Ġenerali (S 13) kif iddefinit fl-ESA 95.

5.1.11. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni (Eurostat) bil-fatturi ta' aġġustament temporali li jippermettu l-kalkolu tal-PPPs mill-prezzijiet miġbura fi żmien speċifiku li jirriflettu b'mod adegwat il-livell tal-prezz medju annwali.

5.1.12. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni (Eurostat) bil-fatturi ta' aġġustament spazjali li jippermettu l-kalkolu tal-PPPs bil-prezzijiet miġbura fil-lokalitajiet speċifiċi li jirriflettu b'mod adegwat il-livell tal-prezz medju nazzjonali.

5.1.13. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni (Eurostat) bil-piżijiet relatati ma' kull intestatura bażika kif speċifikat fl-Anness II li jirriflettu x-xejriet ta' l-infiq fl-Istat Membru għas-sena ta' referenza.

5.2. **L-inqas *standards* għall-validazzjoni tar-riżultati tas-*survey* tal-prezzijiet**

5.2.1. Kull Stat Membru għandu, qabel ma jittrasmetti d-data lill-Kummissjoni (Eurostat), iwettaq reviżjoni tal-validità tad-data bbażata fuq:

— l-ogħla u l-inqas prezzijiet,

— il-prezz medju u l-ko-effiċjent tal-varjazzjoni,

— in-numru ta' l-oġġetti pprezzati għal kull intestatura bażika,

— in-numru ta' oġġetti rappreżentattivi pprezzati għal kull intestatura bażika, u

— in-numru ta' prezzijiet osservati għal kull oġġett.

5.2.2. Għodda elettronika li jkun fiha l-algoriżmi meħtieġa għall-finijiet tal-paragrafu 5.2.1 għandha tkun ipprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) lill-Istati Membri.

5.2.3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, qabel ma tiffinalizza r-riżultati tas-*survey*, twettaq kontrolli ta' validità flimkien ma' l-Istati Membri, ibbażati fuq indikaturi fosthom:

Għal kull intestatura bażika:

— In-numru ta' oġġetti pprezzati minn kull pajjiż;

— In-numru ta' oġġetti attribwiti b'indikatur ta' rappreżentattività minn kull pajjiż;

— L-indiċi tal-livell tal-prezzijiet;

— Ir-riżultati tas-*survey* ta' qabel li jkopri l-istess intestatura bażika; u

— L-indiċijiet tal-livell tal-prezzijiet f'termini tal-PPP għal kull pajjiż.

Għal kull oġġett:

— In-numru ta' prezzijiet osservati minn kull pajjiż; u

— Il-ko-effiċjenti tal-varjazzjoni ta':

(i) il-prezzijiet medji fil-muniti nazzjonali,

(ii) l-indiċijiet tal-livell tal-prezzijiet f'termini tal-PPP, u

(iii) l-indiċijiet tal-livell tal-prezzijiet f'termini tal-PPP għal kull pajjiż.

5.2.4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, qabel ma tiffinalizza r-riżultati tal-PPP f'livell ta' aggregazzjoni, twettaq kontrolli ta' validità bbażati fuq l-indikaturi, fosthom:

Fuq il-livell tal-PGD totali u l-aggregazzjonijiet ewlenin tiegħu:

— il-konsistenza tal-piżijiet ta' l-infiq tal-PGD u l-istimi tal-popolazzjoni bid-data ppubblikata;

— il-paragun bejn l-indiċijiet tal-volum per capita għall-kalkoli korrenti u ta' qabel; u

— il-paragun ta' l-indiċijiet tal-livell tal-prezzijiet għall-kalkoli korrenti u ta' qabel.

Fuq il-livell ta' kull intestatura bażika

— Il-paragun ta' l-istruttura tal-PGD mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) għall-kalkoli korrenti u ta' qabel; u

— L-estimi tad-data nieqsa, fejn huwa rilevanti.

5.3. **Rappurtaġġ u valutazzjoni**

5.3.1. Kull Stat Membru għandu jżomm dokumentazzjoni li tagħti deskrizzjoni sħiħa tal-mod li bih kien implimentat dan ir-Regolament. Id-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni (Eurostat) u għall-Istati Membri l-oħrajn.

5.3.2. Kull Stat Membru għandu jkollu l-proċess tiegħu tal-PPP ivvalutat mill-inqas darba kull sitt snin mill-Kummissjoni (Eurostat). Il-valutazzjonijiet, ippjanati kull sena u inklużi fil-Programm ta' Ħidma annwali, għandhom jirrivedu l-konformità ma' dan ir-Regolament. Għandu jsir rapport, ibbażat fuq din il-valutazzjoni, lill-Kummissjoni (Eurostat) u jsir disponibbli b'mod pubbliku inkluż fuq il-website tagħha.

5.3.3. Skond l-Artikolu 7(3), ftit wara kull *survey* tal-prezzijiet tal-konsumatur, għandu jingħata rapport lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-Istat Membru responsabbli bl-informazzjoni dwar kif sar is-*survey*. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi lil kull Stat Membru b'sommarju ta' dawn ir-rapporti.

6. IL-PROĊEDURA TAS-*SURVEY* TAL-PREZZIJIET LI JĦALLAS IL-KONSUMATUR

6.1. L-Istati Membri għandhom iwettqu *surveys* tal-prezzijiet skond il-Programm ta' Ħidma.

6.2. Għal kull *survey*, il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tipprepara lista ta' l-oġġetti għas-*survey*, ibbażata fuq proposti li għandhom isiru minn kull Stat Membru għal kull intestatura bażika.

6.3. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tipprovdi, flimkien mal-lista ta' l-oġġetti, fl-ilsna uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea, traduzzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet kollha f'kull lista tas-*survey*.

7. IL-PROĊEDURA TAL-KALKOLU

7.1. **Il-kalkolu tal-paritajiet bilaterali fuq il-livell ta' l-intestatura bażika**

(a) Il-kalkolu tal-paritajiet multilaterali Èltetò-Köves-Szulc (hawn aktar 'il quddiem "EKS") fuq livell ta' intestatura bażika għandha tkun ibbażata fuq matriċi ta' paritajiet bilaterali għal kull par ta' pajjiżi parteċipanti.

(b) Il-kalkolu tal-paritajiet bilaterali għandhom jitwettqu b'referenza għall-prezzijiet osservati għal, u l-indikaturi tar-rappreżentattività attribwiti lil, oġġetti bażiċi.

(ċ) Il-prezz medju tas-*survey* għal kull oġġett għandu jkun stabbilit bħala l-prezz intermedju (i.e. bejn żewġ estremi) sempliċi miksub bl-aritmetika ta' l-osservazzjonijiet tal-prezzijiet rekordjati għal dak l-oġġett.

(d) Il-prezz nazzjonali annwali medju għandu jiġi kkalkulat, fejn hu meħtieġ, fuq il-bażi tal-prezz medju tas-*survey* permezz tal-fatturi ta' aġġustament spazjali u temporali xierqa.

(e) Sussegwentement, il-proporzjonijiet tal-prezzijiet medji aġġustati għandhom jiġu kalkulati, fejn huwa possibbli, għall-oġġetti u l-pari ta' pajjiżi parteċipanti, flimkien mar-riżultat ta' l-inverżjoni tagħhom.

(f) Għandhom jiġu kkalkulati PPPs, fejn huwa possibbli, għall-pari kollha ta' pajjiżi parteċipanti għall-intestatura bażika. Għal kull par ta' pajjiżi parteċipanti, il-PPPs għandhom jiġu kkalkulati bħala l-medju ġeometriku peżat ta':

— il-medju ġeometriku tal-proporzjonijiet tal-prezzijiet ta' l-oġġetti li huma indikati bħala rappreżentattivi taż-żewġ pajjiżi;

— il-medju ġeometriku tal-proporzjonijiet tal-prezzijiet ta' l-oġġetti li huma indikati bħala rappreżentattivi ta' l-ewwel pajjiż imma mhux tat-tieni;

— il-medju ġeometriku tal-proporzjonijiet tal-prezzijiet ta' l-oġġetti li huma indikati bħala rappreżentattivi tat-tieni pajjiż imma mhux ta' l-ewwel,

bl-użu ta' piżijiet li jirriflettu r-rappreżentattività relattiva ta' l-oġġetti kollha pprezzati miż-żewġ pajjiżi.

7.2. **Stima tal-paritajiet bilaterali neqsin**

Jekk għal kwalunkwe intestatura bażika, il-PPPs bilaterali ma jistgħux jiġu kkalkulati, il-PPPs bilaterali neqsin għandhom jiġu kalkulati, fejn huwa possibbli, billi tintuża l-proċedura *standard* biex tiġi kkalkulata l-medja ġeometrika tal-paritajiet indiretti permezz tal-pajjiżi terzi. Jekk il-matriċi tal-PPPs bilaterali għal intestatura bażika xorta jkun fiha kwalunkwe valur nieqes wara l-proċedura ta’ stima, konsegwentement il-kalkolu tal-paritajiet multilaterali ta’ l-EKS ma jkunx possibbli għall-pajjiżi li għalihom huma neqsin il-PPPs bilaterali. Il-paritajiet ta’ l-“EKS” neqsin bħal dawn għandhom sussegwentement jiġu kalkulati mill-Kummissjoni (Eurostat), permezz tal-PPPs ta’ referenza minn intestaturi bażiċi simili, jew kwalunkwe metodu adegwat ta’ stima.

7.3. **Il-kalkolu tal-paritajiet bilaterali fuq livell ta’ aggregazzjoni**

